**MALTA**

## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**Dr. Anna Mallia**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2016

Talba Numru: 155/2016AM3

Numru fuq il-Lista: 27

**Antifire Safety and Security Limited (C56320),**
**Valletta Road,**
**Qormi**

**vs**

**Paul Bezzina (ID 0595577M),**
**45, Triq Lazzru Pisani,**
**Zebbug**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fit-28 t' April, 2015 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' elfejn u sitta u erbghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€2,046.41c) (vat inkluz)

rapprezentanti l-rezz ta’ sistemi konnessi mas-sigurta’ u mat-tifi tan-nar u prodotti relatati rezi mis-Socjeta’ attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-intimat.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, l-konvenut ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher biex jirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna llill-konvenut sabiex ihallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ tas-somma ta’ elfejn u sitta u erbghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€2,046.41c) (vat inkluz), bl-imgħax legali dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a karigu tal-konvenut.

**Dr. Anna Mallia**
**Gudikant**